dejjem

*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA

## Kulleġġ Maria Regina

## Sena Skolastika 2014 / 2015

| Il-Ħames Sena | **Reliġjon** | Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem: ______________________________

Klassi: ______________________________

Skola: ______________________________

| Ammont Totali ta' Marki |
|---|
| _____ |



## Taqsima A - Alla jagħtina t-talenti

## Min jien?

1. Bl-għajnuna ta' Alla, irnexxieli noħroġ lill-Poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu.

   _________________



2. Alla kellimni waqt ħolma u riedni nwissi lil Eli dwar uliedu. ____________
3. Jiena xtaqt li kemm is-suwed kif ukoll il-bojod ikollhom l-istess drittijiet. _________________
4. Alla qalli biex inħalli 'l pajjiżi u lil niesi. ___________________
5. Jiena wkoll tlift lil żewġi imma tlaqt lejn Israel ma' ommu. Mill-għelieqi kont niġbor il-qamħ li jkun għad fadal biex ikollna biex ngħixu. ____________

*(2 marki x 5 = 10 marki)*

---

## Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qiegħda tingħata.

1. Alla tani kwalitajiet jew **t**____________ sabiex nagħrafhom u niżviluppahom.



2. Bihom nista' nagħmel ħafna **ġ**__________ u ngħin lill-oħrajn.
3. Għandna napprezzaw lil **x**___________ għax kulħadd għandu kwalitajiet differenti.
4. Bħal Abram għandu jkollna l-kwalitajiet tal-**f**__________ u t-tama f'Alla.
5. Biex dak li nagħmlu nagħmluh sew u bil-qalb irridu nifhmu li xi drabi jkollna **n**_________ wkoll.
6. Fil-ħajja, insibu persuni b'karattri, b'kuluri u b'reliġjonijiet differenti. Madanakollu, aħna għandna **n**__________ iħossuhom parti mis-soċjetà.

*(marka x 6 = 6 marki)*

## Wieġeb fil-qosor.

1. Semmi talent li għandek inti. ______________________________________(1)
2. Kif qed tiżviluppah matul ħajtek?

   ________________________________________________________________(2)
3. X'inti tagħmel biex bit-talent tiegħek tgħin lil ħaddieħor?

   ________________________________________________________________(2)

*(5 marki)*

---

## Taqsima B - Alla jaħdem fl-istorja ta' Artna

## Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.

1. Dun Mikiel Xerri kien (katekista, qassis u patrijott Malti, suldat franċiż).
2. (Madre Tereża, Ġannina Cutajar, Mary Viani) kienet l-ewwel mara li, permezz ta' San Ġorġ setgħet tgħallem u teduka ħafna bniet u anki adulti.
3. Nies li kienu magħżula minn Alla biex iwasslu messaġġi lill-poplu ta' żmienhom kienu jissejħu (messaġġiera, eroj, profeti).
4. Ġesù kien qal, "Ħallu (t-tfal, l-ġenituri, l-adulti) jiġu għandi."
5. Il-Papa Ġwanni XXIII kien Papa li tant kellu (sens ta' umoriżmu, intelliġenza, paċenzja) li għaġġeb lil kulħadd.
6. L-Isqof (Roncalli, Franġisku, Romero) ħadem ħafna favur id-drittijiet tal-bnedmin u qatluh waqt li kien qed iqaddes.




*(marka x 6 = 6 marki)*

## Semmi billi tikteb fil-qosor:



1. Qabel ma laħaq sultan, David kien ________________ . (1)

2. Żewġ kwalitajiet sbieħ li kellu David kienu:

   _________________________________ u

   _________________________________. (2)

3. Il-Profeta ________________ dilek liż-żagħżugħ David bħala sultan. (1)

*(4 marki)*

---

## X'tifhem bil-kelma ? Ikteb tifsira f'kull ċirku.

Determinazzjoni

## Semmi żewġ ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li juru li Hu ġie fid-dinja biex iwettaq ir-rieda ta' Alla.

*(marka x 4 = 4 marki)*

## Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bin-numri minn 1 sa 6:

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-wied mimli għadam niexef | | kien iħossu waħdu għax il-poplu mhux dejjem sema' minnu. |
| 2. | Ħafna drabi Eżekjel | | jerġa' jieħu l-ħajja?" |
| 3. | "Jista' dan l-għadam | | iwarrbu l-ħażen u jerġgħu jduru lejn Alla. |
| 4. | "Hawn jien | | jirrappreżenta 'l-Lhud fid-dnub. |
| 5. | Eżekjel kellu jgħin lil-Lhud | | permezz ta' dawk kollha li jridulna l-ġid. |
| 6. | Illum, Alla jwasslilna l-vuċi tiegħu | | ibgħat lili". |

*(marka x 6 = 6 marki)*

---

## Taqsima Ċ – Nieħdu ħsieb xulxin

## Wieġeb fi kliemek:

1. Min kien iħares b'disprezz lejn Ġesù u ried jeħles minnu?

______________________________________________(2)

2. Għalfejn taħseb li mhux dejjem hu faċli li tobdi?

______________________________________________

______________________________________________(2)

*(4 marki)*

## Min qal dan il-kliem u lil min?

*"Għall-kelma tiegħek nitfa' x-xbiek."*



1. Dan il-kliem qalu ________________ lil ________________.
2. Fejn kienu għaddew dak il-lejl l-appostli? (Aqta' linja taħt it-tajba)
   - fil-baħar jistadu
   - fil-ġnien
   - fiċ-ċenaklu
3. L-appostli qatt ma stennew li jkollhom dik il-qabda ħut. Kif taħseb li ħassewhom hekk kif raw dik il-qabda kbira?

   ______________________________________________________.
4. Ġesù dejjem kien jgħallem u jgħix dak li jgħallem. Wara dan il-miraklu, Ġesù ried li l-appostli jsiru sajjieda ta' min?

   ______________________________________________________.
5. Għaliex taħseb li hu importanti li dejjem nobdu lil min iridilna l-ġid?

   ______________________________________________________.

*(2 marki x 5 = 10 marki)*

## Taqsima D – Jitwieled għalina



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Lura fil-klassi tal-ħames sena, wara l-vaganzi tal-Milied, Paul u Dean, bdew jitkellmu dwar kif qattgħu l-Milied u dwar ir-rigali li kienu qalgħu. Paul kien ferħan se jtir għax kien qala' 'board game' li kien tant jixtieq. Filwaqt li Dean stqarr li minħabba li l-ġenituri tiegħu sfaw bla xogħol, ma setgħux iferrħuh b'rigal.

1. Kif taħseb li ħassu Dean?

   ____________________________________________________________(2)

2. X'seta' għamel Paul?

   ____________________________________________________________(2)

3. Għalhekk, jien irrid nifhem li għandi ______________________________

   ____________________________________________________________(3)

*(7 marki)*

---

## Wieġeb fil-qosor.

1. a) X'niċċelebraw fil-Milied?

   ____________________________________________________________(2)

   b) X'inhu l-**veru** Milied?

   ____________________________________________________________(2)

   ċ) Ma' min tajjeb li nqattgħu l-Milied?

   ____________________________________________________________(2)

2. a) X'sabu r-rgħajja meta daħlu fl-għar?

_______________________________________________________(2)

b) X'għamlu kif raw lit-tarbija?

_______________________________________________________(2)

ċ) Għaliex il-Mulej għażel lir-rgħajja li jkunu l-ewwel li jaraw lil Ġesù ġol-għar?

_______________________________________________________(2)



3. a) Fl-1914 kien hemm gwerra fi żmien il-Milied. Bejn liema suldati kienet din il-gwerra?

_______________________________________________________(2)

b) X'iddeċidew li jagħmlu fil-Milied dawn is-suldati?

_______________________________________________________(2)

ċ) L-għada tal- Milied reġgħu bdew jiġġieldu. X'taħseb fuq dan?

_______________________________________________________(2)



*(18-il marka)*

## Taqsima E – Il-Ħbieb tagħna

## Imla l-vojt bil-kliem li hemm fil-kaxxi.

| | | | |
|---|---|---|---|
| qalbna | suppervi | **ħbieb** | mudell |
| umli | leali | lebbrużi | parabbola |
| tfal | passi | xulxin | |



Eżempju: Meta mmorru l-iskola, il-mużew jew f'xi għaqda oħra dejjem nagħmlu **ħbieb** ġodda.

1. Aktar kemm tkun __________ aktar se jkollok ħbieb.
2. Importanti li nitgħallmu nagħżlu l-ħbieb u li naraw li aħna __________ lejn xulxin.
3. Permezz tal-__________ tas-seftur, Ġesù wriena kif għandha tkun il-vera ħbiberija sinċiera.
4. Fl-episodju tal-__________ Ġesù wriena kemm hu importanti li ngħidu grazzi u nuru l-apprezzament tagħna lejn ħbiebna.
5. Biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla, Ġesù qalilna li rridu jkollna qalbna bħal tat-__________.
6. Meta xi ħadd jagħmlilna d-deni, m'għandniex inżommu f' __________ imma nkunu lesti li naħfrulu.
7. Biex inżommu ċ-ċirku tal-ħbieb aktar magħqud irridu nuru ħniena u ma nkunux ___________.
8. Nistgħu nibnu l-impenn tagħna fil-ħbiberiji tagħna billi nimxu fuq il-___________ ta' Ġesù.
9. "Ħobbu lil ___________ kif ħabbejtkom jien." B'dan il-kliem, Ġesù wera lilu nnifsu bħala __________ ta' kif għandha tkun ħbiberija sinċiera u onesta.

*(marka x 10 = 10 marki)*

## Wieġeb:

1. Semmi xi kwalità li togħġbok fl-akbar ħabib/a tiegħek.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

2. X'għandek tagħmel meta tara lil xi ħabib waħdu u ma jkun qed jilgħab ma' ħadd?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

3. Tista' tiftakar f'meta għidt grazzi lil xi ħabib/a? Għaliex kont irringrazzjajtu/irringrazzjajtha?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

4. Kif tħossok meta tkun miġġieled ma' xi ħabib/a tiegħek?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

5. Ġieli ħfirt lil xi ħadd? Għaliex huwa importanti li taħfer anke lil min seta' għamillek id-deni?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________





*(2 marki x 5 = 10 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**